MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Numru. 1288/2009

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant)
vs
Isabelle Vassallo, bint Joseph Vincent, imwieleda Pieta' fil-25 ta' Frar, 1962, Karta ta' l-Identita numru 184962(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fis-7 ta' Novembru, 2009 għal ħabta tal-5.00 p.m. ġewwa Triq Ġuzeppi Xuereb ix-Xudi, Birkirkara volontarjament għamlet ħsara, jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamlet ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAC 489, ta' l-għamla Citroen, għad-dannu ta' Joseph Lucchese mill-Fgura jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69, imam iżjed minn €116.47;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Lucchese mill-Fgura, skont kif iċċertifika Dr. Marlon Grech M.D.;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi inġurjat jew heddedt bi kliem lil Joseph Lucchese mill-Fgura;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kisret il-bon ordni pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-ħsara li saret hi ta' €280 u dan l-ammont ser jitħallas mill-imputata fi żmien tlett xhur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 fejn il-parte ċivile irriunzjat għall-azzjoni Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tar-raba' akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża fuq nuqqas ta' provi. Tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tieni u it-tielet akkuża miġjuba kontra tagħha. Issibha ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------